MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-22 ta' April, 2004

Numru. 168/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**- vs -**

**FRANCES ROTIN**

Il-Qorti;

Rat li l-imputata Frances Rotin mart Carmelo bint Paul Cini u Carmela nee Cascun imwielda fit-18 ta’ Frar 1944 u residenti ‘Rota’, Triq San Pawl, Munxar, Ghawdex (Karta ta’ l-Identita` Nru 15744 G) giet imressqa quddiemha akkuzata talli fis-17 ta’ Jannar 2004 ghall-habta tat-8:30 a.m. waqt li kienet fl-inhawi ta’ Triq San Pawl u l-Pjazza tal-Knisja, Munxar, Ghawdex

1. Dejjqet jew tat fastidju lil minuri Josmar Grech ta' tmien snin billi qaghdet ghassa tieghu, segwiet il-passi tieghu u griet warajh (Art 339 (n) tal-Kap 9
2. Aktar talli fl-istess data, lok u hin ingurjat u heddedt bil-kliem lil Josephine Saliba (Art 339 (e) tal-Kap 9;

Il-Qorti kienet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija tapplika Artikolu 383 tal-Kodici Kriminali;

Semghet il-provi tal-prosekuzzjoni u cioe` lil PS 1040; Josephine Saliba u Pauline Grech u lill-imputata tixhed minn jeddha;

Rat l-artikoli tal-ligi u cioe` 339 (n) u 339 (e) tal-Kap tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi mill-provi prodotti jirrizulta ghas-sodisfazzjon tal-Qorti illi dakinhar tat-22 t' April, 2004 l-imputata segwiet lil Josephine Saliba li kienet fil-kumpanija tan-neputi taghha, l-minuri Josmar Grech waqt li huwa kien sejjer ghal xi laqgha fil-Munxar. Illi l-istess imputata ghajjret lil Josephine Saliba u ingurjata u dan minghajr raguni ta' xejn;

Il-Qorti ezaminat l-artikolu 339 (n) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u rat li dan l-artikolu ma ghandu x'jaqsam xejn mal-fatti kif esposti mill-Prosekuzzjoni stess ghaliex f'dan il-kaz ma kien hemm l-ebda xjuh, maghtubin, miflugin, nies boloh jew immankati involuti f'dan il-kaz u b'hekk il-Qorti thoss li l-ewwel akkuza ma tirrizultax ippruvata u tilliberah minnha;

Dwar it-tieni akkuza l-Qorti tiddikjara li ssib lill-imputata FRANCES ROTIN hatja u tikkundannaha ghall-hlas ta' ammenda ta' ghoxrin lira Maltin (Lm20). Oltre dan, il-Qorti sabiex tipprovdi ghas-sigurta` tal-persuna ta' Josephine Saliba, tobbliga lill-istess Frances Rotin ma timmolestax lill-istess Saliba taht penali ta' mitt lira Maltin (Lm100) fin-nuqqas ghall-perjodu ta' sena mill-lum u dan ai termini tal-artikolu 383 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------